V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M. 11079 – BNP PARIBAS FORTIS / MATEXI / R2O JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 137/06)

1. Fil-5 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BNP Paribas Fortis NV/SA ("BNPPF", il-Belġju), li tappartjeni għal BNP Paribas Group,

— Matexi NV/SA ("Matexi", il-Belġju), li tappartjenti għal Matexi Group NV.,

— R2O JV (il-Belġju).

BNPPF u Matexi se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' R2O JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BNPPF hija attiva fil-Belġju u toffri, fost l-oħrajn, pakkett komprensiv ta' servizzi finanzjarji għal individwi privati, dawk li jaħdmu għal rashom, professjonisti, intraprizi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") u organizzazzjonijiet pubbliċi,

— Matexi hija żviluppatur ta' proġetti immobiljari attiva fl-istadji kollha tal-proċess ta' żvilupp (akkwist, żvilupp, kostruzzjoni, bejgħ). Fil-biċċa l-kbira hija tiżviluppa proġetti residenzjali u għadd limitat ta' proġetti kummerċjali (spazji għall-ħwienet u għall-uffiċċji). Matexi hija attiva prinċipalment fil-Belġju, u b'mod aktar limitat fil-Lussemburgu u fil-Polonja.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' R2O JV huma li ġejjin:

— R2O JV se tipprovdi servizzi ta' proprjetà immobbli residenzjali fil-Belġju. B'mod speċifiku, se tikri proprjetà tad-djar lill-konsumaturi b'offerta ta' "rent-to-own", jiġifieri, kerrejja li għandhom għażla ta' xiri wara li jikru l-proprjetà għal numru ta' snin.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11079 – BNP PARIBAS FORTIS / MATEXI / R2O JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.